MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 335/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Ottubru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Awissu tas-sena 1996, ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati *ai termini* ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, datat 27 ta’ Lulju, 2006;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, *ai termini* ta’ l-Artiklu 19(1)(d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

5. Illi *oltre* dan, il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ, *ai termini* ta’ l-Artiklu 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m’għandhiex taqta’ u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti ċċelebrat fis-6 ta’ Awissu tas-sena 1996, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa’ nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fid-29 ta’ Mejju, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. L-esponent jaqbel li huwa u l-attriċi kienu żżewġu fis-6 ta’ Awissu, 1996 ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta’ Malta u li miż-żwieġ tagħhom ma kellhomx tfal. Jaqbel ukoll illi huwa u martu sseparaw legalment b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech tas-27 ta’ Lulju, 2006.

2. L-esponent ma jaqbilx pero' li ż-żwieġ tiegħu kien vizzjat minħabba nuqqasijiet tiegħu jew li kunsens tiegħu nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew xi element essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

3. Għall-kuntrarju għalkemm l-esponent jaqbel illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null, dan kien dovut unikament għall-ħtijiet ta' l-istess attriċi. Hekk l-attriċi ma kinitx tqis, bħal l-esponent, iż-żwieġ bħala sagrament u rabta għal dejjem, tant li kienet hi li għażlet li jiżżewġu fir-Reġistru u effettivament ma kinitx prattikanti. Għalkemm kienet għaġġlet biex tiżżewweġ, u dan ma għamlitux b'raġunijiet ta' għaqda dejjiema biex twaqqaf familja. Mill-bidu nett hija ma kinitx tagħraf ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tagħha fil-ħajja miżżewġa, u mill-ewwel ukoll uriet lill-esponent li ma kellha ebda intenzjoni li jkollha t-tfal, tant li kienet tuża mezzi intiżi biex ma tinqabadx tqila.

4. Anke fil-karattru tagħha kienet immatura u ma tagħrafx ir-responsabbiltajiet tagħha bħala persuna adulta miżżewġa.

5. Dawn il-fatti l-esponent jafhom u jikkonfermahom personalment.

6. Għaldaqstant l-esponent jeċċepixxi bir-rispett:

(i) Illi huwa jaqbel li ż-żwieġ iċċelebrat bejnu u l-attriċi huwa null u bla effett, iżda dan għal raġunijiet imputabbli unikament lill-istess attriċi.

(ii) Illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-eċċipjenti għaż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

(iii) Illi lanqas m'hu minnu li l-kunsens ta' l-eċċipjenti nkiseb bl-esklużjoni pożittiva min-naħa tiegħu jew taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew iktar mill-

elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

(iv) Illi hija l-istess attriċi li taħti waħeda għan-nullita' taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti, u dan għar-raġunijiet fuq esposti u dawk kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

(v) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' astensjoni ta' l-Onor. Imħallef Noel Cuschieri.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi, tal-Professur Alfred Cuschieri u oħrajn.

Rat l-affidavit tal-konvenut u ta' oħrajn.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Awissu, 1996 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d), (f) u (h) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jaqbel mat-talba iżda mhux mal-kawżali kollha ndikati mill-attriċi; iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw*

*malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.* "

Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni*

*li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

F'dan il-każ il-Qorti għandha quddiemha żewġ persuni li żżewġu meta kellhom *gia'* eta' matura sew, l-attur ħamsin sena u l-konvenuta wieħed u erbgħin sena. Kienu t-tnejn jgħixu waħedom u ltaqgħu billi kienu jaħdmu fl-istess lok. Pero' jidher ċar illi kienu, kif ngħidu bl-Ingliż, *set in their ways*, bir-riżultat li mill-ewwel sabuha diffiċli li jgħixu bħala miżżewġin għalkemm qabel iż-żwieġ għamlu xi ftit xhur jgħixu flimkien. Iżżewġu bir-reġistru mingħajr ma qalu lill-familjari l-iktar viċini, probabbilment għaliex, kif *gia'* intqal, kienu *gia'* jgħixu għal rashom u allura ma kellhomx dak l-irbit familjari li normalment wieħed iħalli warajh meta jiżżewweġ. Il-problemi pero' bdew kważi mill-ewwel u jidher mill-provi li nġabru li l-partijiet huma persuni pjuttost individwalisti bħala karattri u forsi nies li jgħixu ħajja 'normali' isibuhom ta' waħedhom u ftit forsi setgħu jobsru li xi darba ser jiżżewġu. Għalhekk kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni fuq id-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ billi l-partijiet ħasbu li ser jiżżewġu u jibqgħu jgħixu l-istess ħajja ta' qabel meta issa dan il-mod ta' ħajja kien qed jimpinġi fuq il-parti l-oħra b'mod l-iktar serju. Hekk per eżempju d-delizzju jew forsi l-ossessjoni li għandu l-konvenut bil-baħar ma tagħmel ebda ħsara lil min jgħix waħdu, iżda li jħalli lil martu waħedha ġo sodda b'uġigħ f'dahrha biex imur fuq il-baħar żgur li għamel ħsara (fost affarijiet oħra) liż-żwieġ.

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fis-6 ta' Awissu, 1996. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------